MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 187/2007

**Transfreight Limited (C-16049)**

**vs**

**L'Orafo Limited (C-20443) u Sandro Azzopardi ta' Sandro Azzopardi Gioelleria ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' intimata**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u sebgha u disghin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM3,297.35,0) oltre l-imghax u l-ispejjez legali tal-proceduri li saru u li ser isiru, liema somma tirrapprezenta prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, fuq rikjesta taghha stess, ghal garr ta' merkanzija (Freight Forwarding**

**Services) per fatturi IM23883 sa IM25068 li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Awissu tas-sena 2006 sal-4 ta' April tas-sena 2007, hekk kif jidher fl-istatement hawn anness u mmarkat `Dok F';**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju b'numru 1630/07 CP u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju b'numru 1631/07, bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta' Mejju tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef mitejn u sebgha u disghin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM3,297.35,0) konvertiti ghal sebat elef sitt mija u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€7,680.76);**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------